## IL-KWADROLOĠIJA TAL-ĦMAR (2)

# FEJN TKUN QABEL, TIĠI WARA!



LORNA VASSALLO
http://vassallolorna.com
www.facebook.com/lejnmaltaaaa

**Table 7.3a - Case Study 1: Evidence of Donkey Voting – General Election 2017**
**Similar patterns experienced in candidates' lists**

| Electoral Division | Political Party | Placing in the "Alphabetical" Party List | Placing in the "Votes Received" List | Total Number of Candidates in Party List | Further Details Reference |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | PL | $8^{th}$ & $9^{th}$ | $7^{th}$ & $9^{th}$ | 9 | |
| 3 | PL | $12^{th}$, $13^{th}$ & $14^{th}$ | $13^{th}$, $14^{th}$ & $12^{th}$ | 14 | (1) |
| 4 | PL | $10^{th}$ | $10^{th}$ | 10 | |
| 5 | PL | $12^{th}$ | $14^{th}$ | 14 | |
| 6 | PL | $5^{th}$ | $6^{th}$ | 6 | |
| 7 | PL | $10^{th}$ | $10^{th}$ | 10 | |
| 8 | PL | $6^{th}$ | $7^{th}$ | 7 | |
| 11 | PL | $6^{th}$ & $7^{th}$ | $6^{th}$ & $7^{th}$ | 7 | |
| 12 | PL | $8^{th}$ & $9^{th}$ | $8^{th}$ & $9^{th}$ | 9 | |
| 1 | PN | $7^{th}$, $8^{th}$ & $9^{th}$ | $7^{th}$, $8^{th}$ & $9^{th}$ | 9 | (2) |
| 3 | PN | $14^{th}$ | $14^{th}$ | 14 | |
| 9 | PN | $19^{th}$ | $19^{th}$ | 20 | |
| 11 | PN | $11^{th}$, $12^{th}$ & $13^{th}$ | $14^{th}$, $12^{th}$ & $13^{th}$ | 13 | |
| 12 | PN | $13^{th}$ | $13^{th}$ | 13 | |

Bħala t-tieni artiklu minn din is-sensiela ta' erbgħa, illum għażilt li nislet xi tabelli minn studju xjentifiku li sibt dan l-aħħar dwar is-suġġett tad-'donkey voting', jew aħjar kif il-votant fl-elezzjonijiet Maltin huwa kkundizzjonat indirettament biex jivvota skont l-alfabett u kif il-pożizzjoni ta' fejn kandidat jiġi fil-polza tal-vot hija determinanti jekk il-kandidat/a jitlax jew le u jsirx Membru Parlamentari.

L-istudju li qed nirreferi għalih jeżamina l-elezzjonijiet kollha li saru sa mill-1921 u jismu "Proposti għal sistema elettorali Maltija aħjar" ("Study Paper: Proposals for an improved Malta electoral system"). Inkiteb mill-Perit Joseph Magro fl-2018 li ħa ħsieb li jipprova b'mod konkret il-konklużjonijiet tiegħu permezz ta' tabelli.

Meta analizza bir-reqqa r-riżultati tal-elezzjoni tal-2017, Magro sab li l-kandidati tal-Partit Laburista tal-Ewwel Distrett li isimhom kien imniżżel fit-tmien u d-disa' post fil-polza tal-vot (li kienet polza b'disa' kandidati biss), l-istess kandidati fil-fatt ġew is-seba' u d-disa' jekk wieħed jaqbad il-kandidati kollha u jelenkahom skont il-voti li kisbu. Fuq it-Tielet Distrett, il-kandidati tal-PL li skont l-alfabett kienu mniżżla fit-12, it-13 u l-14-il post, jekk wieħed, wara l-elezzjoni jpoġġi l-kandidati kif telgħu u kemm ġabu voti, isib li dawn ġew fit-13, fl-14 u fit-12-il post. Dan fuq distrett fejn il-polza tal-vot kienet magħmula biss minn 14-il kandidat. Bl-istess mod, fuq ir-raba' distrett, l-għaxar kandidat/a tal-PL fuq il-lista, ġie/t l-għaxar kandidat/a bħala voti meta ħarġu r-riżultati minn distrett li kien fih għaxar kandidati biss.

Minn l-istess PL, fl-2017, fuq il-11-il distrett ikkontestaw seba' kandidati. Is-sitt u s-seba' kandidati tal-lista skont il-polza tal-vot, ġew is-sitt u s-seba' kandidat meta ngħaddew il-voti; filwaqt li mill-kandidati tat-12-il distrett, minn polza ta' disa' kandidati, it-tmien u d-disa' kandidat fuq il-polza, eventwalment, wara l-għadd tal-voti, spiċċaw it-tmien u d-disa' wkoll.

Dan il-fenomenu, seħħ ukoll fost il-kandidati tal-PN. Fuq it-tielet distrett, il-kandidat tal-PN li kien fl-14-il post fuq il-polza, ġie l-14 fl-għadd tal-voti wara l-elezzjoni, minn polza tal-vot li kien fiha 14-il kandidat. Fuq id-Disa' Distrett, id-19-il kandidat, ġie d-19 minn 20 kandidat. Fuq il-11-il Distrett, il-11, it-12 u t-13-il kandidat/a, wara l-elezzjoni ġew l-14, it-12 u t-13-il kandidat/a! U mill-polza tal-vot tat-12-il Distrett, li kien fih 13-il kandidat Nazzjonalista, it-13-il kandidat jiġi t-13 jekk wara l-elezzjoni wieħed iqassam il-kandidati skont il-voti li kisbu.

Għalhekk dan l-istudju jissuġġerixxi li kandidat se jġib voti skont fejn qiegħed fil-lista tal-polza tal-vot. Forsi jirnexxilu/ha j/titla' skaluna waħda 'l fuq jew sfortunatament taqa' skaluna 'l isfel imma ftit li xejn tvarja, bil-probabbiltà kbira tkun li kandidati li għandhom kunjomhom jibda bit-'T' għalkemm se jkunu fi żvantaġġ qawwi minħabba kunjomhom, mhumiex se jkunu fi żvantaġġ daqs kandidati li kunjomhom jibda biż-'Z/Ż'.

Iżda, allura nies bħal George Vella, Karmenu Vella, Edwin Vassallo u Francis Zammit Dimech kif telgħu bosta drabi? Jidher ċar li hemm bżonn ħafna ċirkostanzi biex kandidati bħal dawn irnexxew. Fost oħrajn, il-fatt li ġejjin minn raħal kbir ħafna fortizza tal-partit tagħhom stess. Jista' jkun li kienu kandidati stilla tal-partit u li kellhom riżorsi finanzjarji tajbin. Fil-kuntest tal-lum pubbliċità qawwija tal-kandidat fuq it-televiżjoni wkoll jegħlbu dan l-iżvantaġġ assolut. In-numru ta' kandidati li jikkontestaw fuq id-distrett jgħodd ukoll, i.e. kandidat huwa inqas żvantaġġjat jekk ikun l-aħħar fuq polza tal-vot b'sitt kandidati biss (kif kienu jkunu fl-imgħoddi). Li hu żgur, li kandidat li huwa fil-qiegħ tal-polza ma jista' qatt jitla' b'kumbinazzjoni. Kull min tah l-ewwel vot, żgur li verament ried u xtaq jivvutalu.

Hawnhekk qed nirriproduċi tabella waħda minn diversi li Magro juża biex isostni li r-riżultat tal-elezzjoni huwa ferm influwenzat mill-pożizzjoni tal-kandidati fuq il-polza tal-vot. L-istess awtur jipproponi wkoll il-Metodu tar-Rotazzjoni ta' Robson bħala soluzzjoni li forsi xi darba niddiskutiha f'artiklu futur. Għal dawk kollha li jixtiequ jaraw dan l-istudju aktar fid-dettall hawnhekk qed nirriproduċi wkoll il-link fejn wieħed jista' jara l-istudju onlajn:

https://riformakostituzzjonali.gov.mt/wp-content/uploads/2019/10/PAPER-A-PROPOSALS-FOR-AN-IMPROVED-MALTA-ELECTORAL-SYSTEM.pdf.

Għal kummenti jew suġġerimenti https://www.facebook.com/lejnmaltaaaa.

